Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IT-TMIEN LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 35
# It-Tnejn 31 ta'Jannar 2022

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' b'urgenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-6:35 pm.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maurice Agius : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku
Emanuel Brincat : Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

35.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku is-Sinjura Romina Galea u l-kunsilliera s-Sunjuri Maurice Agius u Emanuel Brincat, li talbu li jkunu skużat.

### 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.

35.2.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tgħat ir-raġuni għal din is-seduta b'referenza għal minuti 34.6.01 fejn għarrfet lill Kunsilliera preżenti li l-accountant se tkun online biex tispjega fid-dettal QTR 4 Financial Indicator u r-Rapport Finanzjarju mhux awditjat.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- 4th Qtr : Financial Indicators, u l- un audited financial report għas- sena 2021.

L-accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante spjegat fid-dettal ir-rapport fejn għarrfet lill Kunsilliera preżenti li matul is-sena 2021 id-dħul kien ta' €875,889 filwaqt li l-ispiża kienet ta' €801,409 u fl-istess żmien il-kunsill approva u ħallas l-ammonti li kien għad fadal fuq self mill-bank u b'hekk iffranka l-interessi. Dan ifisser li s-sena għalqet b'bilanċ finanzjarju pożittiv ta' €74,480.Hawn kompliet tispjega fid-dettal iż-żewġ rapporti fejn indikat li r-riserva pjanata biex tikkontrolla il-cashflow għal meta jibda jiġi mplimentat l-proġett tal-estinzjoni tal-bini amministrattiv jew proġetti oħra issa jammonta għal €397,707. Meta wieħed jikkunsidra l-assi ma' l-obbligazzjonijiet kurrenti se jibqa' kapital operattiv b'bilanċ pożittiv ta'€ 449,402 jew surplus ta' 66% meta mqabbel mal-allokazzjoni tal-Gvern għas-sena 2021( €682,826).

Il-Kunsilliera preżenti għamlu xi mistoqsijiet ta'kjarifika u approvaw unanimament ir-rapporti.

35.2.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li fil-mument qed tkun ikkunsidrata PA/03607/21 li qed tipproponi biex flok il-ġibjun eżistenti go Triq il -Wied tal-Imsida ssir kostruzzjoni ta' grawnd tal-futbol inklużi faċilitajiet sottostanti u żona ta' parkeġġ. Filwaqt li ma'ssibx oġġezzjoni għal proġett flok il-ġibjun li dejjem ikun imniġġeż bi drenaġġ meta jiżbroffa minn go tappieri tat- Triq il-Wied, iżda ma' tistax taqbel li l-parkeġġ li huwa propost fuq ġewwa se jkun ta' kapaċità inqas (24) minn dak li hemm fil-preżent (30).

Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar aċċess għar-residenti biex jagħmlu użu minn dan il-parkeġġ.

Is-Sindku wieġbet li f'dan ir-rigward ma' għandiex informazzjoni u ma tistax tirrispondi iżda l' quddiem l-kunsill jista' dejjem jiddiskuti fuqu, li fil-mument hemm urġenti hija li l-perit jipprova jgħaddi l-oġġezzjoni fuq in-numru ta' parkeġġi għax ġa' skada iż-żmien.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li ssir l-oġġezzjoni.

**35.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.3.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:05 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 22 ta'Frar 2022 fil-5:30 p.m. kif ga mifthema fis-seduta L8-34.

Minuti konfermati, illum 29 ta'Marzu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |